MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 823/2011

**GO plc – C22334**

**vs**

**Carmen Azzopardi**
**ID-354650(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u tnejn u tletin Ewro u sbatax-il centezmu (€432.17c), liema ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru *AC 40101491* moghtija mis-socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza u skond l-annessi dokumenti, Dok IZY 1 u Dok IZY 2 prospett u applikazzjoni ghas-servizz relattiv.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u ghalkemm dehret ghas-seduta li nzammet quddiem it-Tribunal fil-25 ta’ Novembru, 2011, naqset milli tattendi ghas-seduta tal-20 ta’ Jannar, 2012.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u tnejn u tletin Ewro u sbatax-il centezmu (€432.17c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------